Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 20 ta' Frar 2026**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2026/0045 (COD)**

**6535/26**
**ADD 1**

**CODIF 8**
**CODEC 271**
**EF 41**
**ECOFIN 233**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 18 ta' Frar 2026 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | ANNESSI<br>ta'<br>Proposta għal<br>DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL<br>dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi ta' assigurazzjoni jew ta' riassigurazzjoni, ditti ta'l-investiment, kumpanniji tal-immaniġġjar tal-assi u maniġers ta' fondi ta' investiment alternattiv f'konglomerat finanzjarju (kodifikazzjoni) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 74 final (annexes 1 to 4).

---

Mehmuż: COM(2026) 74 final (annexes 1 to 4)

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.2.2026
COM(2026) 74 final

ANNEXES 1 to 4

**ANNESSI**

**ta'**

**Proposta għal**

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi ta' assigurazzjoni jew ta' riassigurazzjoni, ditti ta'l-investiment, kumpanniji tal-immaniġġjar tal-assi u maniġers ta' fondi ta' investiment alternattiv f'konglomerat finanzjarju (kodifikazzjoni)**

↓ 2002/87/KE (adattat)

# ANNESS I

## ADEGWATEZZA TA' KAPITAL

Il-kalkolazzjoni għar--rekwiżiti ta' adegwatezza ta' kapital supplementari ta' l-entitajiet regolati f'konglomerat finanzjarju msemmi fl-Artikolu 6(1) għandha titwettaq skond il-prinċipji tekniċi u wieħed mill-metodi deskritti f'dan l-Anness.

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu li ġej, l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom, meta jassumu r-rwol ta' kordinatur fir-rigward ta' konglomerat finanzjarju partikolari, li jiddeċiedu, wara konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet relevanti kompetenti l-oħra u l-konglomerat innifsu, liema metodu għandu jiġi applikat minn dak il-konglomerat finanzjarju.

L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li l-kalkolazzjoni titwettaq skond metodu wieħed partikolari minn fost dawk deskritti f'dan l-Anness jekk konglomerat finanzjarju jkun immexxi minn entità regolata li tkun ġiet awtorizzata f'dak l-Istat Membru. Fejn konglomerat finanzjarju ma jkunx immexxi minn entità regolata skond it-tifsira ta' l-Artikolu 1, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-applikazzjoni ta' xi wieħed mill-metodi deskritti f'dan l-Anness, ħlief f'sitwazzjonijiet fejn l-awtoritajiet kompetenti relevanti huma lokati fl-istess Stat Membru, f'liema każ dak l-Istat Membru jista' jeħtieġ l-applikazzjoni ta' wieħed ⌦ minn dawk il-metodi. ⌫

### I. Prinċipji tekniċi

*1. Limitu u forma tal-kalkolazzjoni tar-rekwiżiti ta' adegwatezza ta' kapital supplementari*

Jintuża liema metodu jintuża, meta l-entità tkun impriża sussidjarja u jkollha defiċit ta' solvenza, jew, fil-każ ta' entità mhux regolata fis-settur finanzjarju, defiċit spekulattiv ta' solvenza, id-defiċit totali ta' solvenza tas-sussidjarja għandu jittieħed in kunsiderazzjoni Fejn f'dan il-każ, fl-opinjoni tal-kordinatur, ir-responsabbiltà ta' l-impriża prinċipali li tkun proprjetarja ta' sehem mill-kapital tkun strettament u mingħajr ambigwità limitata għal dak is-sehem tal-kapital, il-kordinatur jista' jagħti permess li d-defiċit ta' solvenzà ta' l-impriża sussidjarja jingħata kont tiegħu fuq bażi proporzjonali.

Fejn ma jkun hemm ebda rabtiet kapitali bejn entitajiet f'konglomerat finanzjarju, il-kordinatur, wara konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet relevanti kompetenti l-oħra, għandhu jistabbilixxi liema proporzjon tas-sehem għandu jingħata kont tiegħu, waqt li jżomm f'moħħu l-obbligazzjoni li għaliha r-relazzjoni eżistenti tagħti lok.

*2. Prinċipji tekniċi oħra*

Ikun x'ikun il-metodu wżat għall-kalkolazzjoni tar-rekwiżiti ta' adegwatezza ta' kapital supplementari ta' entitajiet regolati f'konglomerat finanzjarju kif preskritti fit-Taqsima II ta' dan l-Anness, il-kordinatur, u fejn meħtieġ l-awtoritajiet kompetenti l-oħra konċernati, għandu jassigura li l-prinċipji li ġejjin huma applikati:

(i) l-użu multipliku ta' elementi eliġibbli għall-kalkolazzjoni tal-fondi proprji fil-livell ta' konglomerat finanzjarju (*gearing* multipliku) kif ukoll xi ħolqien mhux adattat bejn il-gruppi ta' fondi proprji jenħtieġ li għandhom jiġu eliminati; sabiex tiġi assigurata l-eliminazzjoni ta' *gearing* multipliku u l-ħolqien bejn il-grupp ta' fondi proprji, l-

awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw b'analoġija il-prinċipji relevanti preskritti fir-regoli settorjali relevanti;

(ii) sakemm ikun hemm aktar armonizzazzjoni tar-regoli settorjali, ir-rekwiżiti ta' solvenza għal kull settur finanzjarju differenti rappreżentat f'konglomerat finanzjarju għandhom ikunu koperti b'elementi ta' fondi proprji skond ir-regoli settorjali li jikkorrispondu; fejn ikun hemm defiċit ta' fondi proprji fil-livell ta' konglomerat finanzjarju, huma biss elementi ta' fondi proprji li huma eliġibbli skond kull waħda mir-regoli settorjali (kapital bejn is-setturi) għandhom jikkwalifikaw għall-verifikazzjoni ta' konformità mal-rekwiżiti addizzjonali ta' solvenza;

Fejn regoli settorjali jipprovdu għal limiti dwar l-eliġibilità ta' ċerti strumenti ta' fondi proprji, li kienu jikkwalifikaw bħala kapital bejn is-setturi, ⌦ dawk ⌫ il-limiti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* meta ssir il-kalkolazzjoini tal-fondi proprji fil-livell ta' konglomerat finanzjarju;

Meta ssir il-kalkolazzjoni ta' fondi proprji fil-livell ta' konglomerat finanzjarju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ukoll jieħdu in kunsiderazzjoni l-effettività tat-trasferibilità u d-disponibilità tal-fondi proprji bejn l-entitajiet legali differenti fil-grupp, fid-dawl ta' l-objettivi tar-regoli ta' adegwatezza ta' kapital;

Fejn, fil-każ ta' entità mhux regolata fis-settur finanzjarju ⌦ , rekwiżit ta' solvenza nozzjonali ⌫ hija kalkolata skond it-Taqsima II ta' dan l-Anness, ⌦ rekwiżit ta' solvenza nozzjonali ⌫ ⌦ għandha tfisser ⌫ il-ħtieġa tal-kapital li biha dik l-entità kien ikollha tikkonforma mar-regoli settorjali relevanti daqs li kieku kienet entità regolata ta' dak is-settur finanzjarju partikolari; fil-każ ta' kumpanniji li jimaniġġaw assi, il-ħtieġa ta' solvenza ⌦ għandha tfisser ⌫ il-ħtieġa tal-kapital stipulat fl-Artikolu 7(1)(a) tad-Direttiva 2009/65/KE ⌦ ; rekwiżit tas-solvenza nozzjonali ⌫ ata' kumpannija *holding* finanzjarja mħallta għandha tiġi kalkolata skond ir-regoli settorjali tas-settur finanzjarju l-aktar importanti fil-konglomerat finanzjarju.

## II. Metodi tekniċi ta' ⌦ alkulazzjoni ⌫

*Metodu 1: Metodu ta'* ⌦ *"konsolidament kontabilistiku"* ⌫

Il-kalkolazzjoni tar-rekwiżit ta' adegwatezza kapitali supplementari ta' l-entitajiet regolati f'konglomerat finanzjarju għandha titwettaq fuq il-bażi ta' kontijiet konsolidati.

Ir-rekwiżiti ta' adegwatezza kapitali supplementari għandhom jiġu kalkolati bħala d-differenza bejn:

(i) il-fondi proprji ta' konglomerat finanzjarju kalkolati fuq il-bażi tal-pożizzjoni konsolidata tal-grupp; l-elementi eliġibbli ⌦ għandhom ikunu ⌫ dawk li jikwalifikaw skond ir-regoli settorjali relevanti;

u

(ii) is-somma tar-rekwiżiti ta' solvenza għal kull settur finanzjarju differenti rappreżentat fil-grupp; ir-rekwiżiti ta' solvenza għal kull settur finanzjarju differenti ⌦ għandhom ikunu ⌫ kalkolati skond ir-regoli settorjali li jikkorrispondu.

Ir-regoli settorjali li hemm referenza għalihom huma b'mod partikolari ir-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-Ewwel Parti, Titolu II, Kapitolu 2, Taqsima 2, fir-rigward ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, id-Direttiva 2009/138/KE fir-rigward ta' impriżi ta' assigurazzjoni, u d-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment.

Fil-każ ta' entitajiet tas-settur finanzjarju mhux regolati li m'humiex inklużi fil-kalkolazzjonijiet tar-rekwiżiti settorjali ta' solvenza, ⌦ msemmija fit-tieni paragrafu ⌫, ir-rekwiżit ta’ solvenza nozzjonali għandu jkun ikkalkolat.

Id-differenza m'għandhiex tkun fin-negattiv.

*Metodu 2: Metodu ta' “Tnaqqis u aggregazzjoni”*

Il-kalkolazzjoni ta' rekwiżiti ta' adegwatezza ta' kapital supplemenatri ta' entitajiet regolati f'konglomerat finanzjarju għandha titwettaq fuq il-bażi tal-kontijiet ta' kull waħda mill-entitajiet fil-grupp.

Ir-rekwiżiti ta' adegwatezza ta' kapital supplementari għandhom jiġu kalkolati bħala d-differenza bejn:

(i) is-somma tal-fondi proprji ta' kull entita' fis-settur finanzjarju regolata u mhux regolata fil-konglomerat finanzjarju; l-elementi eliġibbli ⌦ għandhom ikunu ⌫ dawk li jikkwalifikaw skond ir-regoli settorjali relevanti;

u

(ii) is-somma ta':

– ir-rekwiżiti ta' solvenza għal kull entità fis-settur finanzjarju regolata u mhux regolata ⌦ fil-grupp ⌫, ir-rekwiżiti ta’ solvenza għandhom jiġu kalkolati skond ir-regoli settorjali relevanti, u

– il-valur skond il-kotba tal-parteċipazzjonijiet fl-entitajiet l-oħra tal-grupp.

Fil-każ ta' entitajiet fis-settur finanzjarju mhux regolati, rekwiżit ta' solvenza nozzjonali għandu jiġi kkalkolat. Fondi proprji u rekwiżiti ta' solvenza għandhom jitqiesu għas-sehem proporzjonali kif hemm provdut fl-Artikolu 6(4) u skond it-Taqsima I ta' dan l-Anness.

Id-differenza m'għandhiex tkun fin-negattiv.

---

↓ 2011/89/UE Art. 2, pt. 24 u Anness II (adattat)

*Metodu 3: “Metodu ta’ kombinazzjoni”*

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu kombinazzjoni ⌦ tal-metodi 1 u 2- ⌫.

↓ 2002/87/KE (adattat)

## ANNESS II

### APPLIKAZZJONI TEKNIKA TAD-DISPOSIZZJONIJIET DWAR TRANSAZZJONIJIET BEJN IL-GRUPP U KONĊENTRAZZJONI TA' RISKJU

Il-kordinatur, wara konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti relevanti l-oħra, għandu jidentifika t-tip ta' transazzjonijiet ⌦ u riskji li ⌫entitajiet regolati f'konglomerat finanzjarju partikolari għandu jirrapporta skond l-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 8(2) dwar ir-rapportar ta' transazzjonijiet bejn il-grupp u konċentrazzjoni ta' riskju. Meta jiddefinixxu jew jagħtu l-opinjoni tagħhom dawr it-tip ta' transazzjonijiet u riskji, il-kordinatur u l-awtoritajiet kompetenti relevanti għandhom iqiesu l-istruttura tal-grupp speċifiku u ta' l-immaniġġar tar-riskju tal-konglomerat finanzjarju. Sabiex jidentifika transazzjonijiet sinjifikanti bejn il-grupp u konċentrazzjoni sinjifikanti ta' riskju li għandhom jiġu rapportati skond l-Artikoli 7 u 8, il-kordinatur, wara konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti relevanti l-oħra u l-konglomerat innifsu, għandu jiddefinixxi għatbiet adattati bbażati fuq fondi proprji regolatorji u/jew dispożizzjonijiet tekniċi.

Meta jiġu sorveljati it-transazzjonijiet bejn il-grupp u l-konċentrazzjonijiet ta' riskju, il-kordinatur għandu b'mod partikolari jissorvelja r-riskju possibbli ta' kontaġju fil-konglomerat finanzjarju, ir-riskju ta' konflitt ta' interessi, ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni ta' regoli settorjali, u l-livell jew volum tar-riskji.

L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom li japplikaw fil-livell ta' konglomerat finanzjarju d-dispożizzjonijiet tar-regoli settorjali fuq transazzjonijiet bejn il-grupp u l-konċentrazzjoni tar-riskju, b'mod partikolari biex tiġi evitata ċirkomvenzjoni tar-regoli settorjali.

↑

# ANNESS III

## Parti A

**Direttiva mħassra flimkien ma' lista tal-emendi suċċessivi tagħha**
(imsemmija fl-Artikolu 32)

| | |
|---|---|
| Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/87/oj) | |
| Direttiva 2005/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 79, 24.3.2005, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2005/1/oj) | L-Artikolu 11 biss |
| Direttiva 2008/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 81, 20.3.2008, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/25/oj) | |
| Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2010/78/oj) | L-Artikolu 2 biss |
| Direttiva 2011/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 113, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/89/oj) | L-Artikolu 2 biss |
| Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/36/oj) | L-Artikolu 150 biss |
| Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 64, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/2034/oj) | L-Artikolu 59 biss |
| Direttiva (UE) 2023/2864 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 2023/2864, 20.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/2864/oj) | L-Artikolu 1 biss |
| Direttiva (UE) 2025/2 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2025/2, 8.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2025/2/oj) | L-Artikolu 3 biss |

**Parti B**

**Limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u d-data/i tal-applikazzjoni**
(imsemmija fl-Artikolu 32)

| Direttiva | Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni | Data ta' applikazzjoni |
|---|---|---|
| 2002/87/KE | 11 ta' Awissu 2004 | |
| 2005/1/KE | 13 ta' Mejju 2005 | |
| 2010/78/UE | 31 ta' Diċembru 2011 fir-rigward ta' l-Artikolu 2, punt (1)(a), l-Artikolu 2, il-punti (2), (5), (7) u (9), u l-Artikolu 2, il-punt (11)(b) | |
| 2011/89/UE | 10 ta' Ġunju 2013 fir-rigward tal-Artikolu 2, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 2, il-punt (23), kif ukoll l-Artikolu 2, il-punt (1), u l-Artikolu 2, il-punt (2)(a), sakemm dawk id-disposizzjonijiet jemendaw l-Artikolu 1, l-Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punti (4), (5a) u (16) u l-Artikolu 3(2) tad-Direttivi 2002/87/KE fir-rigward ta' maniġers ta' fondi alternattivi ta' investiment<br>22 ta' Lulju 2013 fir-rigward ta' l-Artikolu 2, il-punt (23), kif ukoll l-Artikolu 2, il-punt (1), u l-Artikolu 2, il-punt (2)(a), sakemm dawk id-disposizzjonijiet jemendaw l-Artikolu 1, l-Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, punti (4), (5a) u (16) u Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2002/87/KE with regard to maniġers ta' fondi alternattivi ta' investiment | |
| 2013/36/UE | 31 ta' Diċembru 2013 | 31 ta' Diċembru 2013 fir-rigward tal- Artikolu 150 |
| (UE) 2019/2034 | 26 ta' Ġunju 2021 | 26 ta' Ġunju 2021 fir-rigward tal- Articolu 59 |
| (UE) 2023/2864 | 10 ta' Jannar 2026 | |
| (UE) 2025/2 | 29 ta' Jannar 2027 | 30 ta' Jannar 2027 |

## ANNESS IV

### TABELLA TA' KORRELAZZJONI

| Direttiva 2002/87/KE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 1, l-ewwel paragrafu | Artikolu 1 |
| Artikolu 1, it-tieni paragrafu | – |
| Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, kliem introduttorju | Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, kliem introduttorju |
| Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punti (1) sa (5) | Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punti (1) sa (5) |
| Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (5a) | Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (6) |
| Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (6) | Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (7) |
| Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (7) | Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (8) |
| Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (8) | Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (9) |
| Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (9) | Artikolu 2, l-ewwelparagrafu, punt (10) |
| Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (10) | Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (11) |
| Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (11) | Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (12) |
| Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (12) | Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (13) |
| Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (12a) | Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (14) |
| Artikolu 2, l-ewwel parafu, il-punt (13) | Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, punt (15) |
| Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (14) | Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (16) |
| Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (15) | Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (17) |
| Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (16) | Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (18) |
| Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (17) | Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (19) |
| Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (18) | Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, punt (20) |
| Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (19) | Artikolu 2, l-ewwel paragrafu, il-punt (21) |
| Artikolu 2, it-tieni paragrafu | Artikolu 2, it-tieni paragrafu |
| Artikolu 3(1), (2) u (3) | Artikolu 3(1), (2) u (3) |
| Artikolu 3(3a) | Artikolu 3(4) |
| Artikolu 3(4) | Artikolu 3(5) |
| Artikolu 3(5) | Artikolu 3(6) |

| | |
|---|---|
| Artikolu 3(6) | Artikolu 3(7) |
| Artikolu 3(7) | Artikolu 3(8) |
| Artikolu 3(8) | Artikolu 3(9) |
| Artikolu 3(9) | Artikolu 3(10) |
| Artikolu 4(1), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 4(1), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 4(1), it-tieni subparagrafu, kliem introduttorju | Artikolu 4(1), it-tieni subparagrafu, kliem introduttorju |
| Artikolu 4(1), it-tieni subparagrafu, l-ewwel inċiż | Artikolu 4(1), it-tieni subparagrafu, punt (a) |
| Artikolu 4(1), it-tieni subparagrafu, it-tieni inċiżt | Artikolu 4(1), it-tieni subparagrafu, punt (b) |
| Artikolu 4(2) u (3) | Artikolu 4(2) u (3) |
| Artikolu 5 sa 8 | Artikolu 5 sa 8 |
| Artikolu 9(1) | Artikolu 9(1) |
| Artikolu 9(2), kliem introduttorju | Artikolu 9(2), l-ewwel subparagrafu, kliem introduttorju |
| Artikolu 9(2), punti (a), (b) u (ċ) | Artikolu 9(2), l-ewwel subparagrafu, punti (a), (b) u (c) |
| Artikolu 9 (2), punt (d), l-ewwel sentenza | Artikolu 9(2), l-ewwel subparagrafu, punt (d) |
| Artikolu 9(2), punt (d), it-tieni sentenza | Artikolu 9 (2), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 9 (3) sa (6) | Artikolu 9 (3) sa (6) |
| Artikolu 9a | Artikolu 10 |
| Artikolu 9b | Artikolu 11 |
| Artikolu 10 | Artikolu 12 |
| Artikolu 11 | Artikolu 13 |
| Artikolu 12 | Artikolu 14 |
| Artikolu 12a | Artikolu 15 |
| Artikolu 12b | Artikolu 16 |
| Artikolu 13 | Artikolu 17 |
| Artikolu 14 | Artikolu 18 |
| Article 15 | Artikolu 19 |

| | |
|---|---|
| Artikolu 16, l- ewwel paragrafu, kliem introduttorju | Artikolu 20, l-ewwel paragrafu, kliem introduttorju |
| Artikolu 16, l-ewwel paragrafu, l-ewwel inċiżt | Artikolu 20, l-ewwel paragrafu, il-punt (a) |
| Artikolu 16, l-ewwel paragrafu, it-tieni inċiżt | Artikolu 20, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b) |
| Artikolu 16, it-tieni u t-tielet paragrafis | Artikolu 20, it-tieni u t-tielet paragrafi |
| Artikolu 17 | Artikolu 21 |
| Artikolu 18(1) | Artikolu 22(1) |
| Artikolu 18(1a) | Artikolu 22(2) |
| Artikolu 18(2) | Artikolu 22(3) |
| Artikolu 18(3) | Artikolu 22(4) |
| Artikolu 19 | Artikolu 23 |
| Artikolu 20 | Artikolu 24 |
| Artikolu 21(1) | Artikolu 25(1) |
| Artikolu 21(4) | Artikolu 25(2) |
| Artikolu 21(6) | Artikolu 25(3) |
| Artikolu 21a(1) | Artikolu 26(1) |
| Artikolu 21a(1a), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 26(2), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 21a(1a), it-tieni paragrafu | – |
| Artikolu 21a(1a), it-tielet subparagrafu | Artikolu 26(2), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 21a(2), l-ewwel subparagrafu, kliem introduttorju | Artikolu 26(3), l-ewwel subparagrafu, kliem introduttorju |
| Artikolu 21a(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b) | Artikolu 26(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) |
| Artikolu 21a(2), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c) | Artikolu 26(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b) |
| Artikolu 21a(2), it-tieni subparagrafu | Artikolu 26(3), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 21a(3), l-ewwel subparagrafu | Artikolu 26(4), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 21a (3), it-tieni subparagrafu | – |
| Artikolu 21a(3), it-tielet subparagarfu | Artikolu 26(4), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 21b | Artikolu 27 |

| | |
|---|---|
| Artikolu 21c(1), (2) u (3) | Artikolu 28(1), (2) u (3) |
| – | Artikolu 28(4) |
| Artikolu 21c(4) | Artikolu 28(5) |
| Artikolu 21c(5) | Artikolu 28(6) |
| Artikolu 23 | – |
| Artikolu 25, 26 u 27 | – |
| Artikolu 29 | – |
| Artikolu 30, l-ewwel paragrafu | Artikolu 29 (1) |
| Artikolu 30, it-tieni u t-tielet paragrafu | Artikolu 29(2) |
| Artikolu 30a | Artikolu 30 |
| Artikolu 30b | Artikolu 31 |
| Artikolu 31(1) u (2) | – |
| Artikolu 31(3) | Artikolu 32– |
| Artikolu 32 | |
| – | Artikolu 33 |
| Artikolu 33 | Artikolu 34 |
| Artikolu 34 | Artikolu 35 |
| Anness I | Anness I |
| Anness II | Anness II |
| – | Anness III |
| – | Anness IV |